**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 18/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Marcus Agius**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Marcus Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0578376(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Mejju 2022 u kif ukoll matul is-sena ta' qabel ġewwa Triq l-Isqof Pietru Pace, Raħal Ġdid :

1. Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Steven Calleja u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li għamel kien ta fastidju għal Steven Calleja bi ksur tal-Art. 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Steven Calleja biza li ser tintuza vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu bi ksur tal-Art. 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Jannar 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Marcus Agius ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u wara li rat l-Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih li minnu qed jiġi lliberat u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sena waħda mid-data tas-sentenza skond l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' protezzjoni a favur Steven Calleja għal sena waħda mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Marcus Agius, ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi :

1. Tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;
2. Tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;
3. Minflok għar-raġunijiet premessi, issibu mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ntavolata nhar is-6 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jilmenta illi huwa qatt ma seta' jinstab ħati tar-reat lilu imputat fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni tat-08 ta' Mejju 2022 kif ukoll matul is-sena ta' qabel u dan għaliex l-parti offiża stess xehed illi l-każ jirreferi għall-inċident li seħħ madwar sentejn ilu. Dan apparti l-ilment illi mill-provi prodotti ma kienx jemerġi 'l hekk imsejjaħ *course of conduct* meħtieġ sabiex jissussisti r-reat, kif lanqas jirriżulta li

hemm xi provi li jindikaw illi l-appellant kellu l-*mens rea* meħtieġ sabiex jikkometti dan id-delitt.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali, u senjatament mill-*affidavit* redatt minn PS 67 G. Saliba Distefano, jirriżulta li nhar it-8 ta' Mejju 2022, il-parti offiża Steven Calleja għamel rapport lill-Pulizija li l-ġarr tiegħu, *ossia* l-appellant Marcus Agius, kien qiegħed jagħtih fastidju, u dan meta dakinhar stess għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija waqt li hu kien dieħel fir-residenza tal-*partner* tiegħu ġewwa Triq l-Isqof Pietru Pawl f'Raħal Ġdid, l-appellant għadda xi kummenti intimidatorji fil-konfront tiegħu meta qallu d-diskors, "**Jibzaa**" u "**Għidlu l-Kevin jerġa' jiġi jmissuli l-garaxx**". Calleja stqarr li huwa rrisponda bil-kliem "**Mhux aħjar naqtawha? Jekk għandek xi problema tellani l-qorti, mhux ħa nibza' minnek**". *In oltre*, Calleja stqarr li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant kien għadda xi kummenti simili u filfatt kien għamel diversi rapporti minħabba dan l-istess aġir.

Illi, fix-xiehda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti Stephen Calleja stqarr li;

> "**approximately xi two years ago Marco Agius akkuzani li noqgħod inċempillu bil-lejl u fejn ukoll jien iġġilidt m'oħtu. Issa jien ikkonfermajtlu dak il-ħin eżatt, għidtlu jien qatt ma ċempiltlek kif ukoll jien lill-oħtu ma nafhiex. Għidtlu jekk trid imorru l-għassa issa, għidtlu ntik il-mobile għidtlu qed nassigurak li jiena lilek qatt ma ċempiltlek. Qatt. U lil oħtu għadni sal-lum il-ġurnata ma nafx minn hi. Wara iġifieri, erġajt għamiltlu t-tieni rapport l-għassa, sibtu jistennini barra, wasluni l-pulizija d-dar reġa' ħareġ għalija**".

Huwa jgħid li l-*partner* tiegħu kienet il-ġarr tal-appellant u kull darba li kien imur għandha "**kien jizzikani bħal speci, ...... U bħal speċi l-għar li ġara fejn kien ħiereġ għalija u kelli t-tfal miegħi z-zgħar iġifieri kien hemm it-tifla tagħha ...**". Ikompli billi jgħid li dakinhar l-appellant kien qallu kliem offensiv u vulgari u kaġun ta' hekk it-tifla li kellu miegħu kienet għamlet jumejn imwerwra. Calleja xehed li huwa ma jafx ir-raġuni 'il għala l-appellant kien qed iġib ruħu b'dan il-mod fil-konfront tiegħu u li kien qabad miegħu għal xejn b'xejn. Fl-aħħarnett, Calleja jikkonferma li dawn l-episodji kienu ġraw xi ħames darbiet fejn jgħid li l-appellant kien ikun jistennih sabiex qisu jieħu s-sodisfazzjon u jkellmu ħazin, u sussegwentement hu kien imur jirraporta

l-istess lill-Pulizija. L-appellant minn naħa tiegħu ma xehedx, kif *del resto* kellu kull dritt illi jagħmel u meta mitkellem mill-pulizija fil-presenza ta'l-avukat tiegħu huwa għażel li ma jweġibx għall-interrogatorju li sarlu. Illi allura, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha għandha quddiemha biss il-verżjoni tal-parti offiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-ewwel akkuza dedotta kontra l-appellant hija dik tal-fastidju, reat imfassal fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, li fir-rigward teżisti ġurisprudenza kopjuża u dina l-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minnha nhar it-8 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet "Il-Pulizija Vs Ahmad Yassine" fejn ġie ritenut illi –

> **Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.**
>
> **"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi '*Protection of Harassment Act 1997*'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**
>
> ***'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.***
>
> ***Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind***

***when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon."***[1]

**Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa..**[2]

**Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:**
***'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-***
***"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",***
**...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-**
**".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."**

**Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.**

Illi, kif ingħad f'dan il-każ l-uniku xhud li jitkellem dwar 'l hekk imsejħa "*course of conduct*" kien il-parti offiża u għalkemm jikkontendi illi huwa għamel diversi rapporti lill-pulizija dwar l-imġieba vessatorja tal-appellant, dawn, madanakollu ma ġewx eżebiti mill-Prosekuzzjoni. Issa, huwa prinċipju *ormai* rassodat fil-liġi li jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun emmnut, u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie

---

[1] Il-Pulizija vs Carmelo Vella, deċiza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-14 ta' Mejju 2012.

[2] .Il-Pulizija vs Massimo Tivisini.

ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Dina l-Qorti hija tal-fehma illi Stephen Calleja, il-parti offiża, kien konsistenti fuq l-aġir kontinwu intimidatorju tal-appellant fil-konfront tiegħu, liema aġir ripetut kien wieħed ***"that annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose".*** Di piu', kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, huwa ippruvat illi fid-data tat-08 ta' Mejju 2022 seħħ l-inċident li xpruna dan il-każ, bil-parti offiża jixhed illi dawn l-inċidenti kienu ripetuti matul iż-żmien u mhux kif jallega l-appellant illi dawn jirreferu biss għal sentejn ilu. Għaldaqstant, dina l-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni lilu addebitata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha bit-terminu ta' sena ta' liberta' kondizzjonata fit-termini ta'l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll it-terminu ta' sena li fiha għandu jkun hemm l-Ordni ta' Trażżin fit-termini ta'l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali għandhom jibdew jiddekorru mil-lum.**

**Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata u ukoll bil-konsegwenzi jekk huwa jikser l-Ordni ta' Trażżuin imposta fuqu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**